# SJAF *e*-Magazine

***ST JEANNE ANTIDE FOUNDATION***
Ċentru Antida
51, Tarxien Road. Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 27672367; 21808981; 21809011
Email: miriam.sjaf@gmail.com
Website: www.antidemalta.com
Facebook: Fondazzjoni St Jeanne Antide

**VO/0005/4th May 2008**

***a monthly e- magazine – Issue No.78, May 2014***

## Il-konsegwenzi tal-waqfien mit-teħid tal-mediċini preskritti għall-mard mentali – ir-realtà fl-Istati Uniti

**Fis-sena 2010, in-National Institute of Mental Health (NIMH) stmat li mas-7.7 miljuni Amerikani jsofru mill-iSkiżofrenija u mill-Bi Polar disorder. Dan in-numru jammonta għal 3.3% tal-popolazzjoni kollha tal-Istati Uniti. F'sena, huwa stmat li minn dawn is-7.7 miljuni, 40% ta' dawk li jsofru mill-iSkiżofrenija u 51% ta' dawk bil-Bi Polar disorder ma jkunux qed jieħdu mediċini.**



Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' teħid tal-mediċina jwaħħxu. Inħarsu ftit lejn xi konsegwenzi magħrufa:

**<u>Persuni li jgħixu fit-triq</u>**: Madwar terz (jew 200,000) tal-persuni bla dar ma jkunux qed jieħdu mediċini għall-marda tagħhom. Il-kwalità tal-ħajja ta' dawn hija ħarxa u tal-waħx. Ħafna minnhom regolarment jisfaw vittmi ta' attakki. Madwar 28% ta' dawk li jgħixu fit-toroq, u li fil-passat qattgħu żmien fi sptar mentali, jfittxu ikel biex jitrejqu minn reċipjenti taż-żibel. Għal madwar 8%, dan l-ikel miġbur miż-żibel mormi minn ħaddieħor huwa l-uniku sors ta' ikel għalihom.

**<u>Priġunerija</u>**: Madwar 16% (jew 319,000) tal-priġunieri huma persuni b'mard mentali li għalih ma jeħdux mediċini . Is-sentenzi ta' dawn ivarjaw minn atti kriminali mhux daqstant serji għal atti serji mwettqa waqt stat psikotiku. Dawk b'mard mentali li ma jieħdux mediċina jdumu fil-ħabs id-doppju ta' ħaddieħor u aktarx jikkommettu suwiċidju.

**KONTENUT**

Il-konsegwenzi tal-waqfien mit-teħid tal-mediċini għall-mard mentali.......................................... pġ 1,2,3
Apprezzament - Sr Pauline Busuttil........................................................................................ pġ 4
Xmux żgħar f'dinja mudlama........................................................................................ pġ 5
Il-Vjolenza Domestika; bidliet meħtieġa fil-Liġijiet........................................................................ pġ 6
Rokna Poeżija........................................................................................................ pġ 7
Kura għall-mard mentali fil-komunità – xi riflessjonijiet.................................................... pġ 8
Avviżi........................................................................................................................ pġ 8,9



**<u>Episodji ta' vjolenza</u>**: Fl-iStati Uniti hemm madwar 1,000 qtil fis-sena mwettqa minn persuni li jsofru minn Skiżofrenija u diżordni Bipolar u li ma jkunux qed jieħdu mediċina. Studju bbażat fuq 20,860 qtil li kien ippubblikat fis-sena 1994 mit-taqsima tal-istatistika tad-Dipartiment tal-Ġustizzja bl-isem: *<u>Murder in Families</u>*, sab li dan li ġej:

- Każijiet fejn miżżewġin qatlu lill-żwieġhom: 12.3% kienu imputati li jsofru minn mard mentali li għalih ma ħadux mediċina;
- Każijiet ta' tfal maqtula minn ġenitur: 15.8% kienu imputati li jsofru minn mard mentali li għalih ma ħadux mediċina;
- Każijiet ta' ġenituri maqtula minn uliedhom: 25.1% kienu imputati li jsofru minn mard mentali li għalih ma ħadux mediċina;
- Każijiet ta' aħwa qatlu lil wieħed minn ħuthom: 17.3% kienu imputati li jsofru minn mard mentali li għalih ma ħadux mediċina.

Studju li sar fis-sena 1998 mill-MacArthur Foundation sab li persuni b'diżordnijiet tal-moħħ wettqu darbtejn aktar atti vjolenti fiż-żmien qabel ma ddaħħlu fi sptar – meta ma kenux qed jieħdu kura – milli wara li ħarġu mill-isptar u kienu qed jieħdu kura. L-istudju sab 50% anqas atti vjolenti fil-każ ta' dawk li kienu qed jimxu mat-trattament u ħadu l-mediċina preskritta lilhom.

**Vittimizzazzjoni**: Il-biċċa l-kbira ta' atti kriminali kontra persuni b'mard mentali sever mhumiex rappurtati fl-iStati Uniti. Fil-każi fejn ġew rappurtati, il-biċċa l-kbira kienu injorati mill-Uffiċċjali. Ħtif ta' basktijiet u serq ta' ċekkijiet tad-diżabilità huma reati komuni kontra persuni b'mard mentali sever. L-istupru u qtil tagħhom mhumiex rari.

**Is-suwiċidju**: Is-suwiċidju huwa l-kawża ewlenija tal-mewt qabel iż-żmien ta' persuni li jsofru minn Skiżofrenija (minn 10% sa 13%). Is-suwiċidju huwa aktar komuni fost dawk li jsofru mill-bipolar disorder (minn 15% sa 17%). Id-dipressjoni qalila u l-psikożi kawżati mill-waqfien tat-teħid tal-mediċini huma l-kawża. Ir-rati ta' suwiċidju fost il-popolazzjoni in ġenerali hija 1%.

**Riżultati mixtieqa mit-trattament**: Li wieħed jibqa' jieħu l-mediċini kif preskritti lilu jew lilha huwa kruċjali. Aktar ma wieħed idum ma jieħux il-mediċini għal mard mentali sever, aktar ma tonqos il-possibiltà li wieħed jgħix ħajja stabbli. Studji jissuġġerixxu li, bi trattament bikri, jiżdied iċ-ċans ta' suċċess mediku. Per eżempju:

- Studju li sar fis-sena 1997 f'California (Wyatt u oħrajn), ġew imqabbla persuni li jsofru minn Skiżofrenija li irċevew psikoterapija biss (89-il pazjent) ma' oħrajn li irċevew mediċina antipsikotika (92-il pazjent). Instab li dawk li ħadu mediċina kellhom riżultati ferm aħjar tlett u seba' snin wara.
- Studju li sar fis-sena 1998 fl-Ingilterra (Hopkins u oħrajn) wera li d-delużjonijiet u l-alluċinazzjonijiet fost dawk il-pazjenti li sofrew minn psikożi ħraxu aktar ma naqsu li jieħdu l-medikazzjoni minn wara l-ewwel inċident psikotiku (51 pazjent fl-istudju).

- Studju li sar fis-sena 1994 fi New York (Liebeman u oħrajn) wera li aktar mal-pazjenti damu biex jieħdu kura għal episodju psikotiku, aktar ma damu biex il-marda tiġi maniġġjata (70 pazjent fl-istudju).
- Studju li sar fis-sena 1998 fl-Italja (Tondo u oħrajn) wera li aktar mal-pazjenti jibdew jieħdu l-lithium malajr għall-marda ta' manic depression, aktar ma tjiebet il-qagħda tagħhom (317 il-pazjent fl-istudju).

**Spiża monetarja**: L-iskiżofrenija u l-manic depression huma mard li jirrikjedi ħafna flus. Studju ieħor sab li l-ispiża tal-iskiżofrenija waħdu titqabbel sew mal-ispiża tal-artrite u tal-mard tal-arterji tal-qalb (D.J. Kupfer u F.E. Bloom, edituri., Psychopharmacology: The Fourth Generation of Progress, 1995). L-istudju sab li:

- L-iskiżofrenija tiswa $33 biljun dollaru fis-sena;
- L-artrite tiswa $38 biljun dollaru fis-sena; u
- Il-marda tal-arterji tal-qalb tiswa $43 biljun dollaru fis-sena.

Is-somma tinkludi spejjeż diretti għall-kura kif ukoll spejjeż indiretti bħal telf ta' produttività fuq il-post tax-xogħol.

**Benefiċċji soċjali**: Perċentaġġ sostanzjali tal-ispiża tal-gvern tmur għall-benefiċċji soċjali għall-persuni li jsofru minn mard mentali sever. Per eżempju:

- 15% ta' dawk li għandhom il-Medicard isofru minn mard mentali serju;
- 31% ta' dawk li jirċievu l-Benefiċċju ta' Sigurtà Supplimentari isofru minn mard mentali serju;
- 26% ta' dawk li jirċievu l-Assikurazzjoni tad-Diżabilità tas-Sigurtà Soċjali isofru minn mard mentali serju;

Huwa żball kbir li wieħed jassumi li qed inaqqas l-ispiża globali billi ma jittrattax individwi li jsofru minn mard mentali serju. Persuni li ma jirċevux kura xorta jqumu lill-gvern ħafna minħabba li jkollhom jinżammu l-ħabs. Biss biss, fis-sena 1996, il-gvern sostna nefqa ta' $15 biljun biż-żamma ta' persuni b'mard mentali sever fil-ħabsijiet (Department of Justice Source Book Criminal Justice Statistics), stima ta' $50,000 kull priġunier kull sena (300,000 priġunier). Ma dawn wieħed irid iżid l-ispiża tal-qrati, puluzija, servizzi soċjali, ambulanzi, u servizzi tal-emerġenza fl-isptarijiet.

Studju fuq l-ispiża fuq l-iskożofrenija fl-Ingilterra jgħid li "97% tal-ispejjeż diretti jintnefqu fuq nofs biss tal-pazjenti. L-istudju jikkonkludi billi jgħid li "l-kura li tnaqqas sew id-dipendenza u d-diżabilità ta' dawk li jsofru b'mod sever mill-iSkiżofrenija se taffettwa sew l-ispiża totali tal-marda fuq is-soċjetà. Allura, il-kura huwa mezz effettiv għall-aħħar fuq kull livell, minkejja li fil-bidu tal-kura l-ispiża tkun sostanzjali (Davies and Drummond, British Journal of Psychiatry, 165 (Suppl. 25): 18-21, 1994). Meta wieħed jikkalkula l-ispiża fuq mard mentali sever mhux ikkurat, wieħed irid iqis effetti oħra bħat-tnaqqis fil-baġit meħtieġ għat-trasport pubbliku, libreriji u oqsma oħra. L-akbar effett, iżda, huwa fuq il-familja.




Mard mentali sever bħal ma huma l-iSkiżofrenija u l-manic depressive disorders jiswew 3 darbiet aktar. Is-soċjetà għandha ssir aktar konxja tal-prezz li qed inħallsu meta persuni b'mard mentali sever jisfaw bla kura. Is-soċjetà għandha tkun f'pożizzjoni biex trabbi u teduka persuni li x'aktarx mhux se jkunu f'qagħda biex jikkontribwixxu ekonomikament; għalihom se jkun hemm bżonn servizzi li jiswew il-flus matul ħajjithom kollha.

## "LIFE IS NOT A PROBLEM TO BE SOLVED BUT A REALITY TO BE EXPERIENCED".

**apprezzament ta' Sr Pauline Busuttil, 1956 – 2014**

**– minn Sr Rosario Ferò stk**

Sr Pauline twieldet l-Imsida fl-1956 minn familja li minbarra l-imħabba u l-għożża tawha ukoll formazzjoni umana u spiritwali mill-aħjar. Forsi l-iktar ħaġa li tispikka fiha meta nsemmuha hija it-tbissima ħelwa tagħha li kienet tagħtik pjaċir tiltaqa magħha u tferrħek.

Pauline tilfet lil missierha f'età żgħira imma ommha ma naqsitx milli tagħtiha attenzjoni u mħabba ta' vera omm li trid il-veru ġid ta' bintha. Ommha, Evelyn, kellha ġibda u mħabba speċjali lejn is-sorijiet tal-Karità u x-xewqa tagħha kienet li tara lil bintha waħda minnhom.

Wara li spiċċat l-iskola, Pauline bdiet taħdem biex ma tkunx ta' piż żejjed għal ommha u wkoll biex tkun iżjed indipendenti. Fejn kienet taħdem, sħabha jiftakruha bħala tfajla ta' żmienha imma ta' valuri mhux komuni. Kienet taf tħobb u tiġbed lil kulħadd.

Bħalma jgħidu, it-talb ta' l-omm dejjem jinstema' u għalkemm Pauline kienet kuntenta fix-xogħol u ferħana fil-ħajja tagħha kienet tħoss is-sejħa li l-Mulej kien qiegħed jagħmlilha fil-qiegħ ta' qalbha, dik li tikkonsagra ħajjitha bħala Soru tal-Karità.

Wara li talbet u ħadet pariri, mingħand min seta' jdawwalha, hi ħalliet kollox u fis-7 ta' Settembru 1984 ħabtet il-bieb tan-Novizjat tas- Sorijiet tal-Karità ġewwa Tarxien. Wara in-novizzjat f' Ruma ġiet lura biex tibda il-missjoni tagħha. Għamlet kors ta' ħidma soċjali biex tista' tkun ta' għajnuna għaż-żgħażagħ fl-istituti.

Ma dawn iż-żgħażagħ integrat faċilment għaliex ippruvat tifhimhom kemm jista' jkun.

Fil-Kapitlu Provinċjali tal-2000 Sr.Pauline tat is-servizz tagħha bħala waħda mill-kunsillieri Provinċjali għal ħames snin u anki hawn ma naqsitx li tkun ta' għajnuna siewja fix-xogħol tal-Provinċja. Sr Pauline kienet mogħnija b'ħafna doni sbieħ fosthom vuċi sabiħa biex biha tanima t-talb u attivitajiet oħra soċjali fil-komunità u maż-żgħażagħ .



Pauline kienet ta' karattru sempliċi, ferriħija u umli lesta biex titgħallem u ssaqsi fejn ma tafx. Kienet taf issofri fis-skiet sew fiżikament kif ukoll il-provi li ma jonqsux fil-ħajja. Kienet issib l-aqwa għajnuna tagħha quddiem Ġesù fit-tabernaklu. Kienet taf tħenn u dejjem lesta tgħin lil kull min jitlobha pjaċiri u tagħder lil min jiżbalja. Hi kienet taħseb bħalma jgħid l-Ingliż: "life is not a problem to be solved but a reality to be experienced".

Sr Pauline ippruvat ma tkun ta' piż għal ħadd u ta' dan għandna prova ċara meta l-piż tas-sofferenza fiżika għafas fuqha għal snin twal.

Wara li spiċċat il-mandat ta' kunsilliera Provinċjali nsibuha fil-komunità tar-Rabat u wara fil-komunità tal-Mosta minn fejn kienet tmur taħdem il-Caritas Malta bħala receptionist, xogħol li kienet taf tagħmlu b'arti kbira, lesta biex tilqa lil kulħadd bi tbissima ħelwa u bi kliem skond iċ-ċirkustanzi.

Sr Pauline ma damitx ma ndunat li din il-ħidma sabiħa ma kellhiex tkompli tgawdiha fit-tul għaliex il-marda reġgħet bdiet tagħfas fuqha.

It-tbissima, għalkemm mitfija xi ftit mit-toqol tal-uġigħ, baqgħet f'għajnejha. Qatt ma irrifjutat kuri u attenzjoni. Xtaqet tfieq imma kienet marbuta b'mod sħiħ mar-rieda tal-Mulej.

Il-kliem tagħha kien ifarraġ lil kulħadd. Kienet lesta bħalma kienet tgħid hi stess "biex meta jħabbat tiftaħlu" u, bħall-għarusa tal-Għanja tal-għanjiet, il-Mulej wasal u għajtilha: "Maħbuba tiegħi, qum, ejja, ġmiel tiegħi! **...**semmagħli leħnek, għax leħnek ħlejju." Hi wieġbet għal din l-istedina nhar l-11 ta' Mejju fis-skiet tal-lejl.

Grazzi Mulej tal-preżenza ta' oħtna Sr Pauline għas-snin li għamlet magħna. Mulej kompli sejjaħ tfajliet li bħal Sr Pauline jagħrfu jkunu presenza ta' ferħ fid-dinja tallum. Agħtiha Mulej il-mistrieħ ta' dejjem....






**minn Marisa Calleja, Focolare Movement**
riflessjonijiet Mariapoli, Malta, 2014

## "Kif nistgħu naħsbu fuq il-paċi u l-għaqda fid-dinja bla ma nħarsu lejn l-umanità bħala familja waħda?"

Hekk kienet qalet Chiara Lubich, il-fundatriċi tal-Moviment tal-Fokolari f'diskors li għamlet meta ġiet mogħtija l-Premju tal-UNESCO għall-Paċi (17/12/1996). Min jemmen, meta jaħseb fuq ir-realtà tal-familja tal-bnedmin, malajr iġib quddiem għajnejh preżenza: il-preżenza t'Alla Missier li qatt ma jabbandunalil uliedu, imma b'imħabba bla tarf jieħu ħsiebhom u jikkumpanjahom f'mixjiethom matul il-istorja. Iżda mhux biżżejjed li naħsbu fuq il-Missier li jħobb lilna wliedu u jimxi magħna fit-triq tal-ħajja; din il-preżenza ta' Missier tpoġġi quddiemna r-rieda tiegħu li nġibu ruħna ma' xulxin bħal aħwa.

L-imħabba lejn xulxin hi l-karatteristika tal-ħajja nisranija. Ġesu li ġie jgħammar fostna biex iġib fuq l-art il-ħajja tas-Sema qalilna: "Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ħobbu intom lil xulxin" (Ġw 13,34). Jeħtieġ li dan il-kmand ta' Ġesu' ma nħarsux lejh sempliċiment bħala liġi, imma bħala xi ħaġa li turina kif għandhom ikunu r-rabtiet ta' bejnietna. Jekk nidħlu ftit fil-fond ta' dan il-kliem ta' Ġesu' nindunaw li hu qed jitlob minna mħabba li almenu fl-intenzjoni u fid-deċiżjoni, għandha l-kejl ta' mħabbtu. Allura, jeħtieġ li nkunu dejjem lesti li mmutu għal ħuna, u dak li nagħmlu mument wara l-ieħor biex nuruh b'mod konkret imħabbitna, irid joħroġ u jkun sostnut minn din ir-rieda, minn din id-deċiżjoni.

Ġesù qal: "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (Ġw 13,35). Mela, is-sinjal li minnu ningħarfu bħala veri dixxipli ta' Ġesù mhumiex id-devozzjonijiet, ukoll jekk dawn huma ħaġa tajba, imma hi l-imħabba tagħna lejn xulxin. B'għajnejna mċajprin u nieqsa mill-fidi, spiss jiġri li ma nindunawx li kull wieħed minna hu maħluq biex ikun ta' don għall-ieħor u li hemm rabta misterjuża li tgħaqqad il-bnedmin u tmexxi l-istorja u d-destin ta' popli sħaħ u ta' kull bniedem.

Iżda meta niftħu għajnejna naraw li l-imħabba, li biha Alla jimliena u li aħna nuru lil xulxin, iddaħħalna fit-Trinità. Meta nħobbu lil xulxin b'mod sħiħ, jiġifieri meta nkunu lesti li nabdikaw għalina nfusna, u nkunu aktar minn persuna waħda li nġibu ruħna b'dan il-mod, allura nkunu nistgħu nittamaw li qed nabdikaw biex isaltan Kristu Rxoxt li jiġi jgħammar fostna. L-imħabba ta' bejnietna ġġib l-għaqda, u x'tagħmel din l-għaqda? Ġesu' jgħid: "Ħa jkunu lkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen...." (Ġw 17,21).

Filwaqt li jikkwota dan il-kliem ta' Ġesu', fl-Eżortazzjoni Appostolika tiegħu "il-Ferħ tal-Vanġelu", Papa Franġisku jgħid: "Id-dinja hi mifnija mill-gwerer u l-vjolenza, jew miġruħa minn individwaliżmu li (...) qed jifred lill-bnedmin u jqegħidhom wieħed kontra l-ieħor biex ifittxu l-ġid tagħhom infushom. F'għadd ta' pajjiżi qed jerġgħu jgħollu rashom konflitti u firdiet li konna ħsibna li ntrebħu darba għal dejjem. Lill-Insara tal-komunitajiet kollha tad-dinja nixtieq nitlobhom b'mod speċjali xhieda ta' komunjoni fraterna li ssir dawl li jiġbed lejh."(EG n.99)

Hi din il-komunjoni fraterna li twassal biex il-ġid kollu jinqasam, biex wieħed jitgħallem mill-ieħor kif iħobb aħjar, kif jisma' dak il-leħen prezzjuż li xi drabi jkun bħala ġawhra qalb iż-żrar...... Hi din l-imħabba ta' aħwa lejn xulxin li tagħmel minna xmux żgħar f'dinja mudlama, xmux li juru t-triq, xmux li jarmu s-sħana għax fostna jgħammar Kristu d-dawl tad-dinja.

Id-dinja tagħna għandha bżonn ta' invażjoni ta' mħabba. Flimkien fil-familja, fuq il-post tax-xogħol, fl-iskola, mal-ġirien ......aħna nistgħu nkunu dawk li ngħaqqdu l-qlub u nwasslu l-paċi.

# IL-VJOLENZA DOMESTIKA; BIDLIET MEĦTIEĠA FIL-LIĠIJIET

minn Marvic Manicaro, Grupp SOAR

**1. Suġġeriment dwar l-ewwel stadju: Minn meta mara tmur tagħmel rapport l-Għassa**

1.1 Meta mara tmur tagħmel rapport l-għassa, d-data tar-rapport m'għandhiex tinbidel fin-notifika li l-Puluzija tibgħat il-Qorti. (Nota: hemm każijiet fejn id-data tan-notifika ma taqbilx mad-data ta' meta l-mara marret tagħmel rapport. Jekk l-avukata tal-mara, li jkollha aċċess għan-notifika, ma tindunax qabel is-seduta u titlob lill-Maġistrat biex jirranġa d-data, il-każ jaqa'.

1.2 Meta mara tmur l-għassa biex tagħmel rapport, il-Puluzija għandu jassigura li kull parti tar-rapport jimtela għaliex jekk le, il-proċess biex jissewwa dan in-nuqqas huwa twil u frustranti u jżid it-tensjoni u l-pressa fuq il-vittma biex tassigura li l-iżball ġie remedjat. Punt ieħor hu li l-Puluzija għandu jimla d-dettalji tar-rapport b'mod li tassew jirrifletti s-severità tal-każ. Dan għaliex ikun hemm dettalji li jitħallew barra mir-rapport. Per eżempju: il-biża' tat-tfal u tal-omm għal uliedha; dettalji dwar armi li intużaw waqt it-theddid u l-Puluzija ma jniżżilx dawn id-dettalji.

1.3 Meta jkun hemm att ta' vjolenza domestika u l-aggressur ikun taħt l-influwenza ta' xi sustanza, il-Puluzija għandhom l-apparat meħtieġ biex jiċċekkjawh u jagħmlu t-testijiet meħtieġa? Huma marbuta li jsejħu Puluzija li jistgħu jagħmlu dan? Jekk le, se tibqa' tintilef evidenza.

1.4 Mara li ċċempel lill-Puluzija għall-għajnuna, ġeneralment jintbagħtu l-Puluzija tad-distrett.

1.5 Jekk il-każ jinvolvi vjolenza u drogi, per eżempju, l-Puluzija għandhom isejħu l-iskwadra tad-drogi għax inkella, jekk le, l-evidenza ma titteħidx kif suppost.

Jekk il-Puluzija idumu ma joħorġu t-taħrikiet, jaqa' l-każ. (Iż-żmien stabbilit bħalissa hu 3 xhur).

1.6 Meta Puluzija jmur id-dar bin-notifika tas-smigħ ta' seduta, għandu jitlob firma minn min kien preżenti u ħadha. Dan għaliex hemm każijiet fejn il-koppja jkunu qed jgħixu taħt l-istess saqaf u l-persuna risponsabbli mill-vjolenza ħafna drabi tieħu n-notifika mingħand il-Puluzija u ma tinfurmax lill-vittma. Imbagħad il-vittma ma tattendix is-seduta tal-Qorti għax ma tkunx avżata u l-każ jista' jista' jaqa' jew jittieħdu passi dixxiplinarji kontra min ma deherx il-Qorti. Bħalissa mhux qed tintalab firma. Nissuġġerixxu li: (1) li n-notifika tingħata lill-vittma għax din żgur li se tinforma lill-aggressur u se tidher il-Qorti; u (2) li l-persuna li rċeviet in-notifika mingħand il-Puluzija li mar id-dar, tiffirma ħalli jkun hemm rekord u evidenza ta' min irċeviha.

**2. Suġġeriment dwar il-Qrati**

2.1 <u>Il-Vittma għandha tibqgħa ġo darha</u>**:** Wasal sew iż-żmien biex il-liġi tħares lill-membri ta' familji li ilhom iġarrbu vjolenza domestika. Għandu jkun l-aggressur li jinħareġ barra mid-dar u mhux kif ilhom is-snin tkun l-omm u l-ulied li jmorru jgħixu fix-xelters. It-tfal m'għandhomx jibqgħu jgħaddu minn trawma wara l-oħra: jibdlu l-iskola, jitilfu l-ħbieb, jibdlu l-ambjent u gruppi li jattendu fiż-żmien ta' żvilupp fejn l-istabbiltà hi kruċjali.

2.2 <u>Aċċess tat-Tfal</u>: Il-liġi kif inhi bħalissa hija favur l-aggressur. Il-Liġi tgħid li l-aggressur li għandu aċċess għal uliedu f'ċerti ġranet u ġinijiet, jista' ma jmurx u ma jiġri xejn. Iżda jekk il-mara ma tkunx puntwali jew jinqalgħalha xi ħaġa u tittardja, jittieħdu passi kontriha. Din hi diskriminatorja, apparti l-ħsara psikoloġika kbira li qed issir lit-tfal kull darba li l-missier ma jidhirx.

2.3 <u>Il-Manteniment</u>: Meta l-ġenituri li huma obbligati li jmantnu lil uliedhom jagħmlu minn kollox biex jevitaw iħallsu l-manteniment – għandu jkun hemm safeguards legali. Per eżempju, meta l-ġenitur li jmanti jsiefer, għandu jkun obbligat li jorbot somma jew propjetà li hi f'ismu biss biex tagħmel tajjeb għall-manteniment ta' l-ulied u ma jkunx hemm piż fuq is-soċjetà biex tagħmel tajjeb għan-nuqqas tal-ġenitur.

2.4 <u>Il-Medjazzjoni</u> ma taħdimx fil-każ ta' relazzjoni mimlija vjolenza. Allura għaliex għandhom koppji jkunu mistennija li xorta waħda jgħaddu mill-medjazzjoni flok ma jmorru dirrettament għall-kawża? Ġieli każijiet damu sentejn fil-medjazzjoni u s-sofferenza tal-partijiet li huma vittmi kibru bla ma kellhom għalfejn.

2.5 <u>F'każijiet tas-separazzjoni</u>, il-Qorti għandha awtomatikament titlob l-istorja kollha ta' każijiet li jkun wettaq l-aggressur, kemm dawk mitmuma kif ukoll dawn li għadhom għaddejjin.

2.6 <u>Każijiet li jtulu u spejjes</u>: Jista' jkun hemm xi miżuri biex avikati li qed imexxi każijiet ta' vjolenza domestika ma jtawlux il-proċess? Jistgħu l-avukata jintrabtu li jkollhom scale ta' charges li jagħtu lill-klijenti tagħhom?

2.7 <u>Riparament immedjata għad-danni</u>: Aggressuri, b'vendikazzjoni, jagħżlu li jagħmlu azzjonijiet li jaqtgħu lill-vittma mis-soċjetà. Per eżempju jbiegħu l-karozza tal-mara li għaliha hi essenzjali biex twassal lit-tfal 'l hawn u 'l hemm, ikissrulha l-mobajl, jew ikissru l-kompjuter li t-tfal jużaw għall-istudju. Tista' l-liġi tħares lill-familja billi l-aggressur jintalab jagħmel riparatament immedjat?

# Rokna Poeżija

**Żakkew Jinżel**

"Inżel, Żakkew,"
qallu r-Rajjes
u mas-siġra xxabbat u niżel
sal-art
malli wasal niżel aktar
ma' sellun ir-riħ tan-nifs

nieżel baqa'
nieżel,
u aktar 'l isfel
sab sellun ta' Ruħ
il-Qodos
ħiemed, mistrieħ
fid-dalma ta' ġuf

reħa' jdejħ
u waqa'
sal-Bidu
laqa' d-dawl, irxoxta imġedded
imwieled mill-ilma w ir-Riħ
ilsir, issa, u prinċep
f'palazz is-sultan.

*ref: Luqa 19:1-10*

*tony macelli 2011*






**Tears Trickle**

My eyes are wet and my hands are shaking
Submerged in despair, my heart is breaking
My love was there, was for the taking
I see the cracks, your mask is flaking

Hatred and anger, revenge and fear
The light is gone, darkness is here
Foreboding emanating from your eyes
Spitting obscenities, hurtful lies

Hands are flying through the air
Threats are made, without a care
Rising voices, louder screams
Come the nightmares, gone the dreams

Lying spent, in loud silence
Talking still to my conscience
Words unsaid for many weeks
Tears trickle down my cheeks

Elaine Compagno
2007

# KURA GĦALL-MARD MENTALI FIL-KOMUNITÀ - XI RIFLESSJONIJIET

Fi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9511 fuq l-ispiża tal-gvern biex jinfetaħ Ċentru ta' Matul il-Jum għas-saħħa mentali għal madwar 30 persuna bi problemi ta' saħħa mentali, il-Ministru għall-Enerġija u Saħħa Konrad Mizzi spjega il-ħames (5) Ċentri ta' Matul il-Jum għas-Saħħa Mentali eżistenti qed jiswew lill-gvern miljun ewro fis-sena jew €200,000 'il wieħed fis-sena għal kull Ċentru. Dan ifisser li l-gvern qed jonfoq €6,667 fis-sena għal kull wieħed mit-30 persuna li jużaw is-servizzi f'dawn iċ-Ċentri. Mhuwiex magħruf kif inħadmet is-somma ta' €200,000 għan-nefqa ta' kull sena għal kull Ċentru. Ma ntqalx jekk din is-somma tinkludix biss is-salarji jew jekk tinkludix aspetti oħra tas-servizzi li jingħataw minn hemm.

Fi tmiem it-tweġiba li ta l-Ministru Konrad Mizzi qal li "Il-gvern huwa kommess biex itejjeb is-sitwazzjoni ta' pazjenti b'saħħa mentali."

<u>Marbuta ma' din id-dikjarazzjoni nixtiequ nagħmlu dawn is-suġġerimenti</u>:

**1.** Biex persuna b'mard mentali tkun tista' tibbenefika mis-servizzi ta' Ċentru ta' Matul il-Jum għas-Saħħa Mentali, trid tkun riferuta minn Consultant Psychiatrist. Min-numru li semma l-Onorevoli Carmelo Abela fil-Mistoqsija Parlamentari tiegħu – 30 persuna – jidher li ftit huma dawk li qed jiġu riferuti. Mill-esperjenza tal-Fondazzjoni, persuna b'mard mentali li tkun tixtieq tattendi, ma tistax taqbad tmur iċ-Ċentru tad-distrett tagħha biex tindika din ix-xewqa. Lanqas ma jistgħu l-familjari jmorru huma biex jirreġistraw lill-qarib tagħhom. Il-ħaddiema professjonisti taċ-Ċentri jistgħu biss jaċċettaw persuna wara li jkunu rċevew ittra mingħand il-Konsulent Psitjatriku tal-pazjent. Social Worker jew Nurse Psikjatrika, ma jistgħux jagħmlu admission jekk ma jkollhomx din ir-riferral. **Nixtiequ nissuġġerixxu** li l-metodu ta' referral isir aktar faċli sa biex aktar persuni b'mard mentali jirrikorru għall-għajnuna fil-waqt u fil-viċin tagħhom. Fil-qasam ta' mard mentali, m'għandux ikollna sistemi diffiċli u burokratiċi biex persuna taċċessa l-għajnuna li wara kollox tiġa teżisti għalihom, b'tant investiment kbir.

2. Dawn iċ-Ċentri ta' Matul il-Jum għas-Saħħa Mentali jissejħu servizzi fil-komunità. Biss, m'għndhomx funzjoni ta' drop in. Kif għidna qabel, persuna b'mard mentali ma tistax taqbad tmur f'dawn iċ-Ċentri mingħajr referral. Lanqas ma jistgħu jaqbdu u jmorru l-familjari tagħhom li huma risponsabbli mill-kura tagħhom. **Nissuġġerixxu** li l-Ministeru risponsabbli mis-saħħa jikkunsidra jagħti lill-dawn iċ-Ċentri funzjoni ta' drop-in sabiex persuni b'mard mentali u l-familjari li jieħdu ħsiebhom ikunu jistgħu faċilment jirrikorru hemm għall-għajnuna mingħand is-Social Worker jew Nerse Psikjatrika.

3. <u>Nissuġġerixxu</u> wkoll sistemi ta' appoġġ għall-qraba li huma risponsabbli mill-kura kostanti ta' membru tal-familja b'mard mentali. Id-Dipartiment tal-Psikjatrija jista' jorganizza korsijiet, gruppi ta' appoġġ u rieda li l-qraba (family caregivers) jiġu meqjusa bħala sħab fil-kura.










**BAZAAR** fi Triq Ħal-Tarxien b'risq il-Fondazzjoni

**Miftuħ kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgħa mid-9:00 sa 12:00**

**Naċċettaw oġġetti biex jinbiegħu fil-Bazaar**




**DONATIONS**

Your donation is truly appreciated. It enables us to sustain our services to vulnerable and poor individuals and families.

Donation to the St Jeanne Antide Foundation can be made as follows:

- **Cheque** issued to The St Jeanne Antide Foundation and posted to the Foundation: 51 Tarxien Road, Tarxien TXN 1092
- For **local bank transfers**: **APS** 2000 0681 886 **HSBC** 013175021001
  **BOV** 4002003379-0 **BANIF** 00210404101
- If you are a Go/Vodafone/Redtouch subscriber you can donate by sending a **blank SMS** (SMS tariffs applicable):
  €2.33 – 50617371 €4.66 – 50618095
  €6.99 – 50618909 €11.65 - 50619217
  You will receive a text message of thanks and acknowledgement
- For **bank transfers from overseas**: APS Bank, 146/147, Antoine De Paul Square, Paola PLA1260
  Bank Code (Swift) APSBMTMT IBAN No: MT03 APSB 7708 0005 5047 2000 0681 886 (last 11 digits are the account number).

**HOW YOU CAN HELP US - OTHER OPTIONS**

- ✓ If you are getting married: make a donation instead of buying wedding souvenirs.
- ✓ If you are having a birthday party: ask friends to make a donation instead of buying a gift.
- ✓ If you are having a wedding anniversary celebration: convince your guests to make a donation instead of buying a gift.
- ✓ For funerals: you may wish to make a donation instead of buying flowers.
- ✓ Get Togethers: organise a spontaneous collection.
- ✓ You may wish to send us a monthly or annual donation, whatever the amount.
- ✓ You can encourage others to consider donating to the Foundation.
- ✓ Ask your employer for a matching scheme which will make your contribution go even further!
- ✓ Become a HELP-SJAF Champion and ask friends and family to make a donation.

*CONTACT US:* sjafngo@gmail.com

*THANK YOU! WE PROMISE TO PRAY FOR YOU AND YOUR FAMILY*

## Foundation SERVICES

**1. The Antide Family Resource Centre** in the heart of Tarxien. Open from 7.30am to 5 pm daily in winter time (sometimes later as well).

**2. Community Social Work, Counselling and Emotional Freedom Service:** Includes:

- **Social Work:** home-visits, outreach work, advocacy, referral, information, emotional support. Cathchment areas: Tarxien, Paola, Fgura, Żabbar, Santa Lucia.
- **Emotional Freedom Service** for persons wishing to learn how to manage negative emotions;
- **Counselling**;
- **Befriending Service** for lonely, home-bound elderly persons.
- **SOAR advocacy and support group** for victims and survivors of domestic violence (soarmalta@gmail.com)
- **Volunteer Handymen** in support of vulnerable and poor families.

**3. Learning Support Service** for vulnerable persons supported by Foundation Social Workers. Includes: *For Children*: weekly learning support for primary level students; *For adults*: non-formal learning opportunities such as self-esteem groups & literacy.

**4. LWIEN Service - caring for family carer-givers:** support for family caregivers of persons with mental health problems. Includes family consultations, counselling, support groups, home-visits, social work.

**5. IRENE Project** in support of very vulnerable women involved in street prostitution.

**6. Volunteering Programme**: range of volunteering opportunities included supported volunteering for service users.

7. **Overseas Development Projects:** SJAF works with partners in developing countries to formulate anti-poverty projects. It has also arranged for public funding of such projects in Pakistan, Central African Republic, South Sudan and Malawi.

8. **Fundraising Group;** Bazaar in Tarxien; Charity Sale in St Julians (lower end of St Julians Hill)

9. **Centring Prayer Groups** for contemplative prayer practice.